**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Awwissu 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Kurt Farrugia)**

**vs**

**Juanito Jimenez**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Juanito Jimenez, 29 sena, iben Pedro Juan u Pauline Deguara, imwieled Pieta' nhar is-26 ta' Mejju, 1993 u li joqghod nru. 12, Sqaq id-Duluri nru. 1, Hamrun, detentur ta' karta tal-identita' numru 242693M

Akkuzat talli nhar is-17 t'April, 2023, ghall-habta ta' 12.30p.m., mill-fond numru 169, Triq il-Knisja, Xghajra, flimkien ma' Josef Buttigieg:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti u arlogg, tal-marka 'Rolex', liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok, ghad-dannu ta' Pierre Sladden w/jew ta' xi persuna/i ohra w/jew ta' xi entita' jew entitajiet ohra;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali Onor. Imhallef Dr. G. Grixti LL.D., permezz ta' digriet datat 29 ta' Novembru, 2018, li bih inghata l-helsien mill-arrest;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali, Onor. Imhallef Dr. A. Bugeja LL.D., permezz tad-digriet datat 15 ta' Mejju, 2020, li bis-sahha tieghu nghata l-helsien mill-arrest;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Rachel Montebello LL.D., permezz ta' digriet datat 8 ta' Lulju, 2020, li bih inghata l-helsien mill-arrest;

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali, Onor. Imhallef Dr. C. Scerri Herrera LL.D., permezz ta' digriet datat 17 ta' Dicembru, 2020, li bis-sahha tieghu nghata l-helsien mill-arrest;

6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. N. Galea Sciberras LL.D., permezz ta' digriet datat 6 ta' Lulju 2021, li permezz tieghu nghata l-helsien mill-arrest;

7. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef Edwina Grima LL.D., permezz ta' digriet datat 1 t'Awwissu, 2022, li permezz tieghu nghata l-helsien mill-arrest.

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati addebitati taht l-Artikoli 578 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrevoka contrario imperio d-digrieti tal-helsien mill-arrest ta` l-imputat Juanito Jimenez u tordna l-arrest mill-gdid tieghu. Kif ukoll, li tordna li d-depoziti u l-garanziji personali li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcji tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artiklu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-hati sabiex jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-24 ta' Mejju 2024 fejn deherlu li tista tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

1. Fl-Artikoli 42, 261(b)(c)(e), 263, 266, 267, 269(g), 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Fl-Artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. Fl-Artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. Fl-Artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
5. Fl-Artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
6. Fl-Artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
7. Fl-Artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
8. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
9. Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigu trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   1. Fis-17 t'April 2023, ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofs-in-nhar, Pierre Sladden informa lill-Ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar li hekk kif irritorna lura d-dar tieghu, u cioe fil-fond 169, Triq il-Knisja, ix-Xaghjra, kien induna li xi hadd dahal fil-fond u seraq is-somma ta' disat elef Euro (€9000) kif ukoll arlogg tal-ghamla Rolex, li kien jiswa bejn sbatax u tmintax-il elf Euro (€17,000 - €18,000).

   2. Pierre Sladden informa lill-Pulizija li huwa kien hareg mir-residenza tieghu dakinhar stess ghal habta tal-hdax u nofs ta' fil-ghodu (11.30a.m.), filwaqt li martu kienet ukoll harget mil-istess residenza xi siegha qabel. Meta irritorna lura d-dar ghall-habta tas-siegha u ghaxra ta' wara nofs in-nhar (1.10a.m.) kien induna li kien hemm ic-certifikat ta' l-arlogg Rolex tieghu mitfuh mal-art fil-kamra tas-sodda. Huwa iccekkja l-kexxun fejn kien izomm dan l-arlogg, u sabu nieqes. Huwa induna wkoll li kien hemm nieqes basket blu li kien ukoll fil-kamra tas-sodda, u li kien fih flus kontanti fl-ammont ta' disat elef Euro (€9000).

   3. Ir-residenza in kwistjoni hija dar mqassma fuq zewg sulari, li tinsab f'kanuniera li tghaqqad Triq il-Knisja ma' triq iffurmata minghajr isem. Faccata ta' din id-dar, fuq in-naha l-ohra ta' din it-triq bla isem, kien hemm kumpless ta' bini fuq erba' sulari li kien jidher ghadu qed jigi kostruwit. Ma gie osservat l-ebda sgass. Pero il-bitha kienet imdawra b'hajt gholi madwar tlett metri u erba' u ghoxrin centimetri (3.24m) mill-livell tal-art tal-istess bitha. Fuq barra tal-fond, wara dan il-hajt kien hemm area bil-hamrija li tista' tasal ghaliha facilment mill-imsemmija triq iffurmata fil-genb tal-fond.[1]

[1] Ara rapport tal-espert Perit Dottor Robert Musumeci a fol. 120 tal-process.

4. Il-bieb tal-aluminium tal-bitha kien imsakkar, pero dan il-bieb kellu *flip door* iffurmata fl-alumunium, maqtugha sitta u ghoxrin centimetri (0.26m) il-fuq mill-art, b'wisgha ta' wiehed u tletin centimentru (0.31m) u gholi ta' hamsa u tletin centimetru (0.35m).[2] Dan il-*flip door* kien jintuza sabiex jidhlu l-klieb li Pierre Sladden kellu mill-bitha ghal god-dar u vice versa. Dawn il-klieb kienu prezenti meta kien hemm il-Pulizija u ma kienux aggressivi u lanqas nebhu. Ghalhekk il-Pulizija bdew jissuspettaw li l-hallelin nizlu fil-bitha u kellhom access ghal gewwa r-residenza minn din il-*flip door,* li kien kbir bizzejjed biex tghaddi persuna minn fih, bi ftit sforz.

5. Pierre Sladden informa lill-Pulizija li huwa kellu suspett li l-hallelin kienu haddiema li kienu qed jahdmu fil-binja tal-kostruzzjoni biswit ir-residenza tieghu, ghaliex kien josservahom il-hin kollu iharsu fil-bitha tar-residenza tieghu.

6. Minn filmati tac-CCTV installat ma' binja li tigi faccata r-residenza derubata, il-Pulizija identifikat lill-imputat u lil Josef Buttigieg, li kienu fost il-haddiema li qed jahdmu fuq is-sit ta' kostruzzjoni. Iz-zewg persuni kienu diga maghrufa mal-pulizija. Dawn dehru jitlajjaw ghal cirka tletin (30) minuta fi Triq il-Knisja. It-tnejn li huma f'hinijiet differenti dehru jhabbtu fuq il-bieb tar-residenza ta' Pierre Sladden. Sussegwentement, Josef Buttigieg jidher gej min-naha ta' wara tat-triq iffurmata b'kaxxa f'idu, u kemm hu u kemm l-imputat dahlu fil-maisonette terran, formanti wkoll parti mis-sit ta' kosturzzjoni. Ghaldaqstant il-Pulizija ottjeniet mandat ta' arrest fil-konfront ta' dawn iz-zewg persuni, pero it-tfittixija li saret fir-residenza tal-imputat irrizultat fin-negattiv.

7. Waqt li kienu arrestati gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-imputat u Josef Buttigieg thallew jitkellmu ma' xulxin, u l-imputat minn jeddu ikkopera mal-Pulizija, u talabhom jehduh lura d-dar biex jitkellem ma' ommu, kif effettivament sar. Omm l-imputat harget mir-residenza bil-karozza taghha u xi kwarta wara giet lura bl-arlogg Rolex misruq.

8. Josef Buttigieg tressaq bl-arrest quddiem din il-Qorti diversament preseduta, u wiegeb hati ghal dan ir-reat ta' serq, u gie ikkundannat sentejn prigunerija.

[2] Ara rapport tal-espert Perit Dottor Robert Musumeci a fol. 120 tal-process

9. Sussegwentement, ittiehdu l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar il-Htija**

*L-Ewwel Imputazzjoni – Komplicita f'serq ikkwalifikat*

7. L-ewwel imputazzjoni hija dik ta' komplicita fir-reat ta' serq ikkwalifikat. Kif diga inghad, Josef Buttigieg ammetta li kien hu li ikkommetta s-serqa, pero fix-xhieda tieghu jghid li din kienet unikament idea tieghu, u li l-imputat ma kienx konsapevoli li hu kien sejjer jisraq, u li ghalhekk ma kienx komplici f'din is-serqa. Huwa sahaq li hu mar jisraq minghajr ma informa lill-imputat, u li l-imputat induna li kien mar jisraq meta rah gej bl-arlogg f'idu, u lanqas kien jaf li hu kien seraq ukoll il-flus kontanti ghax ma qallux bihom.[3] Huwa xehed ukoll li hu ta l-arlogg lill-imputat biex izommulu peress li dak iz-zmien hu kien qed jirrisjedi r-RISE Foundation, u jekk jarawh bl-arlogg Rolex f'idu kien ser iqajjem suspetti.[4] Waqt l-interrogazzjoni tieghu, l-imputat ukoll innega li hu kien jaf li Buttigieg ser imur jisraq, u insista li Buttigieg infurmah li seraq wara l-fatt, u talbu jzommlu l-arlogg. Min-naha l-ohra, il-Prosekuzzjoni issostni li fil-waqt li huwa vera li Buttigieg dahal fir-residenza wahdu billi qabez il-hajt tal-bitha u dahal fid-dar mill-*flap-door*, min-naha l-ohra, l-imputat kien komplici tieghu, u qaghad ghassa fit-triq sakemm Buttigieg ikkommetta r-reat.

8. Mill-provi migbura jirrizulta li sid il-binja, Antoine Cassar kien inkariga lill-imputat bhala bennej biex jibni l-binja. *A sua volta*, l-imputat kien impjega mieghu lil Buttigieg. Huma kienu ilhom xhur jibnu, u kienu waslu fir-raba' sular. Din il-Qorti m'ghandix dubbju li minn dak l-gholi, iz-zewg imputati setghu t-tnejn facilment irrealizzaw li kien hemm tlett (3) iklieb dehlin u hergin fil-bitha tad-dar ta' Pierre Sladden, mill-*pet flap* li kien hemm fil-bieb tal-bitha. Dan huwa konfermat ukoll bir-ritratt numru ghaxra (10) fir-rapport tal-espert mahtur fl-inkjesta il-Perit Dottor Robert Musumeci fejn jidhru l-gallariji tal-appartamenti tal-binja iharsu ghal fuq il-bitha tal-fond derubat.[5] Fil-fatt quddiem l-espert Dottor Robert Musumeci mahtur fl-inkjesta *in genere*, Pierre Sladden

[3] Ara fol. 188 – 192 tal-process.
[4] Ara fol. 201 – 202 tal-process.
[5] Ara fol. 134 tal-process.

xehed *a tempo vergine* li huwa kellu suspett f'zewg haddiema li kien jinnutahom il-hin kollu iharsu fil-bitha. Huwa ma kienx jaf x'jisimhom, imma kien jaf li wiehed minnhom jghidulu 'l-qasba' u l-iehor jghidulu 'z-zinnu'. Huwa xehed li sar jaf lil dawn il-persuni meta gew jahdmu f'din il-binja.[6] Effettivament, mill-provi jirrizulta li dawn kienu l-laqmijiet ta' Buttigieg u ta' l-imputat rispettivament.

9. F'dan l-istat tal-provi, jassumi importanza kbira l-filmat tac-CCTV li gie esebit mill-espert Keith Cutajar, li kien mahtur bhala espert fl-inkjesta *in genere*.[7] Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet illi l-imputat ma kienx identifikabbli minn dan il-filmat tac-CCTV, ghax il-CCTV camera kienet il-boghod mir-residenza misruqa.

10. Jekk wiehed jara l-filmat tac-CCTV biss, m'hemmx dubbju li d-difiza ghandha ragun tghid li l-persuni li jidhru fiha ma humiex identifikabbli mill-filmat biss. Pero la l-imputat waqt l-istqarrija tieghu u lanqas Josef Buttigieg waqt ix-xhieda tieghu ma innegaw li huma kienu qed jadmu fuq is-sit in kwistjoni bhala bennejja fid-data u l-hin tal-incident. Dan jirrizulta wkoll mir-rapport tal-Pulizija li marru fuq il-post *a tempo vergine,* u hadu d-dettalji kollha tal-persuni li kienu fuq il-post. In oltre, u iktar importanti, dan il-filmat gie muri lill-imputat qabel l-istqarrija tieghu u saret riferenza ghalih waqt l-interrogazzjoni[8], u l-imputat ma innegax li l-persuni li fil-filmat jidhru jhabbtu fuq il-bieb tar-residenza ta' Pierre Sladden kienu hu u Buttigieg.[9] Waqt l-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li f'xi hin giet it-tfajla tieghu iggiblu l-hobz, u li hu qaghad jistrieh fuq ic-cinta tal-hajt li hemm mat-triq. Dan kollu jirrizulta wkoll mill-filmat tac-CCTV. Waqt l-interrogatorju, saret riferenza wkoll diversi drabi ghal dan il-filmat,[10] u fl-ebda hin waqt l-interrogatorju l-imputat ma cahad li l-persuna li kien qed jirreferi ghaliha l-ufficjal investigatur kien hu stess, u l-persuna l-ohra kien Josef Buttigieg.

11. Bl-istess mod waqt ix-xhieda tieghu Josef Buttigieg jaghmel riferenza diversi drabi ghal filmat tac-CCTV. Fil-fatt Josef Buttigieg jghid hekk *"... ... x'hin gibtli l-video inti eqq*

---

[6] Ara fol 124 tal-process. Pierre Sladden irrepeta din ix-xhieda meta xehed f'dawn il-proceduri a fol. 43 – 50 tal-process.
[7] Ara fol. 161 tal-process.
[8] Ara fol. 256 tal-process.
[9] Ara fol. 255 tal-process.
[10] Ara per ezempju fol. 257, 266, 271 u 272 tal-process.

*jien ammettejtlek mill-ewwel, eqq ma kellix triq ohra eqq qbadt u ammettejt ... ...”*[11] In ri-ezami huwa ghid hekk *“Ghandek zball. Ghandek il-vidjow u ccekkja.”*[12]

12. In vista tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li l-imputat u Josef Buttigieg huma z-zewg persuni fil-filmat tas-CCTV jidhru jitlajjaw fit-triq u jhabbtu il-bieb tar-residenza derubata, u mix-xhieda ta’ Buttigieg kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat il-Qorti tista’ facilment tidentifika min hu l-imputat u min hu Buttigieg, anke ghaliex it-tnejn li huma qablu li kien Buttigieg li mar ihabbat il-bieb tar-residenza l-ewwel.

13. Apparti r-rapport tal-espert Keith Cutajar, il-magistrat sedenti personalment rat il-filmat in kwistjoni diversi drabi. Irid jinghad li xi kultant, ghal xi raguni l-filmat jaqta’ ghal ftit sekondi u gieli anki ghal ftit minuti. Minn dan il-filmat il-Qorti setghet tikkonstata s-segwenti:

    1. Hin 11:36:40 – jidher Pierre Sladden hiereg mir-residenza tieghu fi Triq il-Kbira, ix-Xghajra. Qabel ma jidhol fil-vettura tieghu, li kienet ipparkjata quddiem din ir-residenza., hu jidher qed ihares il-fuq fid-direzzjoni tal-binja li kienet qed tigi kostruwita fuq in-naha l-ohra tat-triq li hemm fil-genb tar-residenza tieghu, u jkellem lil xi hadd ghal ftit sekondi. Imbaghad huwa jidhol fil-vettura u jitlaq. Hu jerga’ jigi lura wara ftit minuti, jidhol fir-residenza tieghu, jerga’ johrog, jidhol fil-vettura u jerga’ jitlaq fil-hin 11:42:19.

    2. Hin 12:19:19 – l-imputat u Josef Buttigieg jidhru t-tnejn bil-qieghda fuq cint ta’ hajt fi Triq il-Knisja, ix-Xghajra, faccata tal-binja in kostruzzjoni u faccata tar-residenza misruqa, li tinsab ftit aktar l-isfel. It-tnejn li huma jitilqu u jergghu jidhru fil-vizwali. Hin minnhom l-imputat jintefa’ mitluq ghal tulu fuq ic-cint f’posizzjoni li qed jistrieh.

    3. Hin 12:37:07 – Fil-waqt li l-imputat ghadu mindud ghal tulu fuq ic-cint, jidher Buttigieg miexi fi Triq il-Knisja, jghaddi minn quddiem l-imputat minghajr ma jkellmu, jaqsam it-triq, u jmur ihabbat il-bieb tar-residenza ta’ Pierre Sladden.

[11] Ara fol. 201 tal-process.
[12] Ara fol. 508 tal-process. Ara wkoll fol. 187 tal-process.

Minghajr ma qaghad jistenna jekk xi hadd hux ser jiftah il-bieb, Buttigieg dar lura, rega' qasam it-triq u qaghad bil-qieghda fuq ic-cint faccata d-dar ta' Sladden, u ftit iktar l-isfel mill-imputat.

4. Hin 12:38:08 – Buttigieg jqum bil-wieqfa u jimxi l-fuq fid-direzzjoni tal-imputat u jieqaf hdejn vettura li kienet miexja fit-triq, u waqfet quddiem fejn kien l-imputat. Buttigieg jidher qed ikellem lix-xufier. Ix-xufier jghaddi xi affarijiet lil Buttigieg u Buttigieg jghaddi wahda minnhom lill-imputat u joqghod bil-qieghda fuq ic-cint hdejh. L-imputat baqa' mixhut fuq ic-cint izda jidher jitkellem max-xufier tal-karozza li baqghet wieqfa ghal ftit sekondi, imbaghad kompliet mixja.

5. Hin 12:40:30 – Buttigieg qam bil-wieqfa u tkellem ghal ftit sekondi mal-imputat u mbaghad mexa il-fuq barra mil-vizwal. L-imputat baqa' mixhut ghal tulu fuq il-hajt sa 12:41:20 meta il-filmat jaqta'.

6. Hin 12:44:05 – L-imputat jidher bil-qieghda fuq ic-cint jitkellem ma' Buttigieg li qieghed bil-wieqfa hdejh.

7. Hin 12:44:22 – L-imputat jidher miexi fid-direzzjoni tal-binja. Buttigieg jibqa' ghal ftit sekondi bil-qieghda fuq ic-cint, imbaghad jimxi warajh, u jidhlu fil-binja flimkien fil-hin 12:45:06.

8. Fil-hin 12:45:11 il-filmat jaqta' u jerga' jibda 12:46:09 meta jidher l-imputat qieghed ihabbat mal-bieb tar-residenza ta' Sladden, u minghajr ma jistenna hux ser jiftah xi hadd, idur u jimxi lejn il-binja fejn tidher persuna fil-bieb u jieqaf jitkellem ghal ftit maghha u mbaghad jidhlu gewwa t-tnejn flimkien fil-hin 12:46:59 meta jaqta' l-filmat.

9. Hin 12:47:43 – jerga' jibda l-filmat u jidher l-imputat bil-qieghda fuq ic-cint.

10. Hin 12:47:47 – jidhol fil-vizwal van tas-socjeta GO p.l.c. li jipparkja quddiem ir-residenza ta' Sladden. Ix-xufier johrog mill-vettura, jiftah il-bieba tal-van fuq wara u jimxi in-naha tax-xellug tal-vettura u jinheba wara l-van. L-imputat ghadu bil-qieghda fuq ic-cint. Il-filmat jaqta' fil-hin 12:48:44.

11. Hin 12:49:41 – jerga' jibda l-filmat. L-imputat ma jidhirx iktar fil-vizwal u lanqas jidher ix-xufier tal-van tal-GO. Minhabba il-qtugh fil-filmat, ma setghax jigi stabbilit f'liema direzzjoni imxew l-imputat u x-xufier.

12. Hin 12:51:19 – jidher l-imputat gej mit-triq iffurmata mal-genb tar-residenza ta' Sladden, jghaddi minn quddiem il-binja li qed tigi kostruwita, jaqsam Triq il-Knisja donnu lejn ic-cint, imma donnu jerga' jibdielu u jerga' jaqsam lura t-triq miexi fid-direzzjoni tal-entratura tal-binja. Il-filmat jaqta' 12:51:42 u jerga' jibda 12:52:27 meta ma jidher hadd rilevanti fil-vizwal.

13. Hin 12:54:23 – jidher l-imputat miexi fi Triq il-Knisja fid-direzzjoni tar-residenza ta' Sladden u prattikament fl-istess hin jidher Buttigieg gej jigri mit-triq iffurmata tal-genb tar-residenza ta' Sladden. Malli jilmhu, l-imputat jaqsam it-triq u t-tnejn li huma jidhlu bil-ghaggla fil-maisonette fil-pjan terran li kien ghadu fi stat ta' kostruzzjoni. L-imputat jidhol l-ewwel u Buttigieg jidhol warajh. Il-filmat jaqta' 12:54:42.

14. Hin 13:00:24 – jerga' jibda l-filmat fejn jidher l-impjegat tal-GO hdejn il-van. Minhabba l-qtugh ma setghax jigi stabbilit mil-liema direzzjoni gie dan l-impjegat. Huwa dahal fil-van u telaq.

15. Hin 13:24:50 – tidhol fil-vizwal il-vettura ta' Pierre Sladden, li jipparkja quddiem id-dar tieghu u johrog mill-vettura.

14. Jibda biex jinghad li dan il-filmat jikkontradixxi f'diversi aspetti l-verzjoni tal-fatti moghtija kemm mill-imputat fl-istqarrija tieghu, kif ukoll minn Josef Baldacchino waqt ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri. Dan apparti l-fatt li l-verzjonijiet tal-fatti ta' dawn iz-zewg persuni huma f'diversi aspetti kontradittorji ghal xulxin. Il-Qorti sejra tissenjala l-kontradizzjonijiet l-iktar ovvji.

15. Waqt l-interrogatorju, l-imputat qal li hu mar ihabbat mal-bieb tar-residenza ghax ftit qabel hareg is-sid kien qallu sabiex jekk ikun gej il-konkos javzah. L-imputat qal li hu iccekkja u mar ihabbatlu biex jghidlu li kien gej il-konkos biex inehhi l-vann li kien ikun hemm ipparkjat quddiem ir-residenza tieghu. Hu qal li mar ihabbat ghax minghalih is-

sid kien irritorna lura u ma kienx jaf li Buttigieg diga mar ihabbatlu.[13] Min-naha l-ohra Buttigieg xehed li l-imputat kien qallu biex imur ihabbat il-bieb ta' Sladden sabiex jghidlu biex il-Hamis inehhi l-vettura li kien izomm ipparkjata quddiem id-dar, ghaliex il-Hamis kienet se tasal ix-xibka tas-saqaf.[14] Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li fil-waqt li l-imputat jghid li kienu ser igibu l-konkos, Buttigieg jghid li kienu ser igibu x-xibka. Min-naha l-ohra l-imghallem tal-imputat Antoine Cassara xehed li kien hu li kien jaghmel l-arrangamenti ghax-xiri tax-xibka, konkos u materjal iehor li jkun hemm bzonn mhux l-imputat.[15] In oltre, din il-Qorti hija konvinta li kemm l-imputat kif ukoll Buttigieg kienu jafu li Sladden ma kienx id-dar ghax apparti li l-vettura ma kienitx ipparkjata quddiem id-dar, hu kien kellimhom qabel ma' telaq. Ghaldaqstant l-unika raguni ghalfejn huma habtu l-bieb kienet biex jivverifikaw li ma kien hemm hadd gewwa. Mill-filmat jirrizulta wkoll li effettivament hadd minnhom it-tnejn ma kien qed jistenna li xi hadd ser jiftah, ghax kif habbtu, it-tnejn daru u mxew lura.

16. Mill-filmat jidher li Buttigieg mar ihabbat waqt li l-imputat kien mitfuh ghal tulu fuq ic-cint tal-hajt faccata. L-imputat mar ihabbat ghaxar minuti biss warajh. Tenut kont li s-serqa saret il-gurnata tat-Tnejn u x-xibka jew il-konkos suppost kienu gejjin il-Hamis, certament din l-urgenza biex ikellmu lil Sladden ma taghmilx sens, u lanqas hi kredibbli.

17. Waqt l-interrogazzjoni l-imputat gie mistoqsi ghalfejn hu kien qed jitlajja fi Triq il-Knisja waqt li kienet qed issir is-serqa, u hu wiegeb li dak il-hin kien qed jiehu *break.*[16] Il-Qorti lesta li tati l-beneficcju tad-dubju li l-imputat kien qed jiehu *break* sal-hin 12:45:06 – meta l-imputat kien bil-qieghda jew mixhut fuq ic-cint. Il-movimenti tal-imputat wara dan il-hin certament m'humiex ta' persuna li qieghda tiehu *break.* L-ewwel jidher ihabbat il-bieb tar-residenza derubata, u fil-minuti ta' wara jidher jitlajja fi Triq il-Knisja, u fit-triq iffurmata mal-genb tad-dar derubata minghajr ma lanqas hu stess ma jidher jaf x'inhu jaghmel.

18. Huwa rilevanti wkoll li waqt li l-imputat kien qieghed ovvjament jitlajja fit-triq minghajr raguni valida, gie vann tas-socjeta GO p.l.c. li ipparkja quddiem ir-residenza. F'dawn

[13] Ara fol. 256 – 257 tal-process.
[14] Ara fol. 187 tal-process.
[15] Ara fol. 289 tal-process.
[16] Ara fol. 271 tal-process.

il-proceduri xehed Suarek Branislav, li hu technician ta' din is-socjeta.[17] Huwa qal li f'April 2023 huwa mar jahdem fuq cabinet tat-telekomunikazzjoni ta' din is-socjeta li tinsab fi Triq il-Knisja Xghajra bejn nofs-in-nhar u s-siegha ta' wara nofs-in-nhar. Waqt li kien qed jahdem avvicinah ragel li staqsieh jekk jistghax jghaddi l-elettriku minn *copper cable* tal-GO. Ix-xhud qal li huwa hass li kienet stramba u bla sens, u irrispondieh li ma kienx jaf ir-risposta. Huwa ma gharafx lill-imputat b'certezza bhala r-ragel likellmu minhabba li t-trapass taz-zmien. Waqt l-interrogazzjoni tieghu, l-imputat ammetta li hu kien avvicina impjegat tal-GO, li kien ragel barrani, u staqsieh jekk jistghax jghaddi d-dawl mil-linja tat-telephone.[18] Huwa jghid li staqsieh din il-mistoqsija ghax it-telephone tad-dar tieghu qed jghamel hoss stramb bil-lejl, u issuspetta li kien ghaddej l-elettriku will-wires tat-telekommunikazzjoni. Frankament, il-Qorti tqis li din hija mistoqsija banali, specjalment meta wiehed jikkunsidra li l-imputat jghid ukoll li ghandu esperjenza fl-elettriku ghax kien jinstalla l-*air conditioners.*

19. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid ukoll li meta gie Buttigieg bil-kaxxa tar-Rolex, hu kien qed ikellem lil wiehed mill-haddiema li kien qed jaghmel il-kisi, u li Buttigieg sejjahlu.[19] Mill-filmat tac-CCTV jirrizulta ampjament li dan m'huwiex minnu. Mill-filmat jirrizulta li l-imputat kien wahdu fi Triq il-Knisja, u kif ra lil Buttigieg gej b'xi haga f'idu mar dritt fil-maisonette fil-pjan terran, u Buttigeg ghaggel ghal warajh.

20. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid ukoll li meta kienu fil-maisonette, Buttigieg talbu biex izommlu l-arlogg, izda ma qallux li kien misruq.[20] Min-naha l-ohra Buttigieg xehed li meta kienu fil-maisonette, l-imputat ma kienx jaf li kellu Rolex f'idu,[21] u li hu tah l-arlogg biex izommulu meta spiccaw mix-xoghol fil-ghaxija waqt li kienu fil-vann.[22] In kontro-ezami Buttigieg biddel il-verzjoni tieghu, u qal li hu ta l-arlogg lill-imputat kif hareg mir-residenza derubata, u hu u l-imputat telghu fuq fil-binja fejn kienu qed jahdmu. Buttigieg qal ukoll li meta ta l-arlogg lill-imputat, qallu wkoll li l-arlogg kien misruq. Huwa spjega wkoll li qabel telghu fuq, huma dahlu fil-maisonette fil-pjan terran sabiex l-imputat igib xkora konkos.[23] Pero fil-kontro-ezami ulterjuri Baldacchino rega' biddel

[17] Ara fol. 140 tal-process.
[18] Ara fol.261 – 262 tal-process.
[19] Ara fol. 257 tal-process.
[20] Ara fol. 266 -267 tal-process.
[21] Ara fol. 198 tal-process.
[22] Ara fol. 201 – 202 tal-process.
[23] Ara fol. 506 u 509 tal-process.

il-verzjoni u qal li ghalkemm lill-imputat kien qallu li seraq arlogg meta dahlu fil-maisonette biex igibu l-ixkora, izda l-arlogg zammu fil-pussess tieghu, u tah lill-imputat biex izommulu fit-triq huma u sejrin lejn id-dar.[24]

21. Mill-provi jirrizulta wkoll li Pierre Sladden kien kellem lil Antoine Cassar, l-imghallem tal-imputat u qallu li hu lest li ma jaghmilx rapport lill-Pulizija u jinsa l-flus li insterqu, jekk l-arlogg jigi ritornat lilu, ghax l-arlogg kellu valur sentimentali ghalih ghax tahulu habib tieghu bhala rigal. Antoine Cassar informa b'dan lill-imputat dak in-nhar stess tas-serqa. Dan gie konfermat ukoll mill-imputat fl-istqarrija tieghu, fejn ammetta wkoll li zbalja li dak il-hin ma qalx lil Cassar li l-arlogg kien qieghed ghandu, pero baqa' jinsisti li sa dak il-hin ma kienx jaf li l-arlogg kien misruq.[25]

22. Minn dawn il-konflitti fix-xhieda tal-imputat u ta' Buttigieg, mill-inkonsistenzi fix-xhieda tal-istess Buttigieg, kif ukoll il-manuvri tal-imputat fil-hin li kienet qed issir is-serqa kif ukoll meta ra lil Buttigieg gej b'xi haga f'idejh joholqu element qawwi ta' prova indizzjarja (*circumstantial evidence)* li jippuntaw f'direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat kien jaf li Buttigieg kien sejjer jisraq mir-residenza u qaghad ghassa fit-triq u ipprova jaljena wkoll lit-technician tal-GO li inzerta mar ipparkja quddiem ir-residenza proprju waqt li kienet qed issir is-serqa.

23. Ghaldaqstant, ix-xhieda ta' Buttigieg li l-imputat ma kienx komplici fis-serqa mhix attendibbli fic-cirkostanzi.

24. Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet li ma tqabbad l-ebda espert tal-Qorti sabiex jikkumpara is-serial number fil-ktejjeb tar-Rolex li kien fir-residenza derubata mas-serial number tar-Rolex li gie misruq. Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li sabiex jigi mqabbel serial number fuq arlogg ma' serial number miktub fuq ktieb m'hemm bzonn l-ebda hila jew sengha specjali li tinnecessita l-hatra ta' xi espert ai termini tal-Artikolu 650(1) tal-Kodici Kriminali. Fit-tieni lok, il-Qorti tirrileva li fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2023, l-avukat difensur li kien qed jippatrocinja lill-imputat dak iz-zmien ivverbalizza ghan-nom tal-imputat li *"minn issa qieghed jezenta lill-prosekuzzjoni milli titlob hatra ta' espert sabiex jigi stabbilit il-valur ta' dan l-arlogg u dan in vista tal-ircevuta li giet esebita mix-*

[24] Ara fol. 514 – 515 tal-process.
[25] Ara fol. 269 – 270 tal-process.

*xhud Ivan Vassallo fis-seduta tal-lum u mmarkata bhala Dok IV1."*[26] Ghaldaqstant, il-Prosekuzzjoni certament ma kellhix ghalfejn titlob il-hatra ta' espert sabiex jivverifika li l-arlogg misruq sabiex jistabbilixxi li l-arlogg misruq kien dak imsemmi fil-ktejjeb tar-Rolex sabiex jigi stabbilit il-valur tal-arlogg misruq.

25. Fi kwalunkwe kaz, il-prova tal-valur tal-arlogg misruq tirrizulta wkoll mill-atti. Ivan Vassallo xehed li huwa kien xtara dan l-arlogg Rolex u tah bhala rigal lil Pierre Sladden, u ezebixxa l-ircevuta relattiva.[27] Minn din l-ircevuta jirrizulta li l-valur tar-Rolex Yaughtmaster II mixtri fl-14 ta' Ottubru 2019 kien ta' sittax-il elf u tminn mitt Euro (€16,800) u li s-serial number tieghu kien S3F76754. Min-naha l-ohra waqt ix-xhieda tieghu l-Ispettur Jeffrey Rizzo ezebixxa ricevuta rilaxxata minnu tar-Rolex li hu kien ha minghand l-imputat mir-residenza tieghu fit-22 ta' April 2023.[28] Skond din l-ircevuta ir-Rolex li l-imputat ta lill-Pulizija kien igib is-serial number S3F76754, li huwa l-istess serial number tar-Rolex mixtri minn Ivan Vassallo. Ghaldaqstant, ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju li r-Rolex li gie misruq kien l-istess Rolex li Ivan Vassallo kien ta bhala rigal lil Pierre Sladden.

26. Il-kwalifiki tas-serq bil-mezz u bil-lok gew debitament ippruvati. Konsegwentement l-ewwel imputazzjoni giet debitament ippruvata fl-intier taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*<u>It-Tieni sas-Seba' Imputazzjoni – Ksur ta' sitt digrieti tal-helsien mill-arrest</u>*

27. Kif sewwa osserva l-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni orali, mix-xhieda tal-Assistent Registratur ta' din il-Qorti jirrizulta li d-digriet tal-helsien mill-arrest tad-29 ta' Novembru 2018 gie mahrug fi proceduri kriminali li gew konkluzi b'sentenza definittiva moghtija fl-10 ta' Mejju 2022.[29] Ir-reat ta' serq sehh fis-17 t'April 2023, u konsegwentement it-tieni imputazzjoni ma tirrizultax.

[26] Ara fol. 23 tal-process.
[27] Ara fol. 51 – 54 tal-process.
[28] Ara fol. 291 – 293 tal-process.
[29] Ara fol. 402 tal-process.

28. L-Ufficjal Prosekutur gibed ukoll l-attenzjoni ta' din il-Qorti li l-ksur d-digriet tal-helsien mill-arrest tas-16 ta' Dicembru 2020, mertu tal-imputazzjoni numru hamsa (5) – ma jirrizultax, stante li dan id-digriet ma kienx jikkontjeni bhala wahda mill-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest li l-imputat ma jikkommettix xi reat ta' natura volontarja.[30] Wara li rat id-digriet relattiv esebit in atti, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Ufficjal Prosekutur ghandu ragun, u konsegwentement il-hames (5) imputazzjoni ma gietx debitament ippruvata.

29. Min-naha l-ohra, l-Assistent Registratur ezebiet kopja vera tad-digrieti tal-helsien mill-arrest mertu tat-tielet, ir-raba', is-sitta u s-seba' imputazzjonijiet u l-atti relattivi ghalihom Ghalhekk dawn l-erba' imputazzjonijiet gew debitament ippruvati.[31]

*It-Tminn Imputazzjoni – Ir-Recidiva*

30. L-ahhar imputazzjoni fil-konfront tal-imputat hija dik tar-recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

31. L-Assistent Registratur ezebiet kopja tas-sentenza moghtija kontra *inter alia* l-imputat minn din il-Qorti diversament preseduta fis-17 t'Ottubru 2014 fejn l-imputat instab hati *inter alia* ta' serq ikkwalifikat,[32] u kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tad-29 t'Awwissu 2019 fejn l-imputat instab hati ta' ksur ta' digriet tal-helsien mill-arrest u ta' ksur ta' ordni ta' protezzjoni.[33]

32. L-Assistent Registratur ezebiet ukoll kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tad-9 ta' Lulju 2021 fil-konfront tal-imputat, pero hija xehdet li din is-sentenza giet appellata u kienet tinsab differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2024.[34] Mill-atti ma jirrizultax jekk din is-sentenza gietx definittivament deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u konsegentement din is-sentenza ma tistax tikkostitwixxi prova ghal fini tar-recidiva, ghax ma jirrizultax li hija res judicata.

---

30 Ara fol. 374 tal-process.
31 Ara xhieda ta' Stephania Calafato Testa a fol. 314 tal-process u d-dokumenti minnha ezebita SCT1 a fol. 319, SCT2 a fol. 324, SCT3 a fol. 334 u SCT4 a fol. 341.
32 Ara fol. 206 u 207 tal-process.
33 Ara fol. 347 u 394 tal-process.
34 Ara fol. 402 – 403 tal-process.

33. In vista tal-ewwel zewg sentenzi ezebiti fuq imsemmija, din il-Qorti issib lill-imputat hati wkoll li huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

34. Rigward il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu fedina raffrettarja b'disa' kundanni minn dawn il-Qrati, ghal diversi reati fosthom zewg kundanni ghal serq ikkwalifikat, kundanna ghal attentat ta' serq ikkwalifikat, kundanna ghar-reat ta' holqien ta' tracci ta' reat u zewg kundanni ghal ksur tal-ligijiet tas-sewqan.

35. Jirrizulta wkoll ampjament mill-provi li l-imputat ghandu problema akuta ta' abbuz ta' sustanzi illeciti. Qabel bdew dawn il-proceduri l-imputat ma kienx jiehu din il-problema bis-serjeta. Ir-rapprezentant tal-Caritas xehdet li l-imputat jitlob l-ghajnuna meta ghal xi raguni jew ohra jispicca l-habs, u malli johrog mill-habs jaghti bis-sieq l-ghajnuna li tigi offruta lilu.[35] Effettivament waqt l-interrogazzjoni tieghu, huwa ammetta li kien qed ihallas bejn erba' mija u hames mitt Euro (€400 - €500) kuljum biex jixtri l-kokaina,[36] u dan meta huwa ma kienx qieghed detenut il-habs ghax inghata xejn inqas minn hames digrieti tal-helsien mill-arrest u tqieghed taht ordni ta' supervizjoni provvizorja, biex suppost jindirizza l-problema ta' abbuz ta' droga. Irid jinghad li f'dawn l-ahhar xhur l-imputat wera ftit iktar motivazzjoni milli kellu fil-bidu ta' dawn il-proceduri sabiex jirriforma ruhu. Ghalkemm dan huwa sinjal fid-direzzjoni t-tajba, il-Qorti hija konvinta li l-imputat ma hux kapaci jirriforma ruhu jekk dan ma jsirx fl-ambjent kontenut tal-habs.

36. Il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-imputat ikkopera mal-Pulizija u irritorna l-arlogg Rolex qabel bdew dawn il-proceduri, l-ammont misruq fi flus kontanti ta' disat elef Euro (€9000) ma giex ritornat.[37] Ghaldaqstant l-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali mhux applikabbli fil-kaz odjern stante li l-ammont misruq ma giex ritornat lill-parti offiza fl-intier tieghu. Dan nonostante, fl-ikkaliblar tal-piena, il-Qorti xorta ser tiehu in

[35] Ara fol. 86 tal-process.
[36] Ara fol. 278 tal-process.
[37] Fix-xhieda tieghu quddiem l-espert Perit Dr Robert Musumeci, Pierre Sladden xehed li insterqulu *"xi €9000"* fi flus kontanti (fol. 130 tal-process). F'dawn il-proceduri, Pierre Sladden xehed li l-ammont ta' flus kontanti misruq kien ta' xi circa ghaxat elef Euro (€10,000) (fol 45 tal-process). Il-Qorti sejra tikkunsidra l-izghar ammont u cioe dak ta' €9000, bhala l-ammont misruq.

konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irritorna r-Rolex qabel bdew dawn il-proceduri, liema Rolex kien ta' valur sentimantali ghal parti offiza.

37. Fit-trattazzjoni orali, id-difiza issottomettiet *in subsidium* li jekk tinstab htija, din il-Qorti m'ghandix timponi piena ta' aktar minn sentejn prigunerija – il-piena moghtija lil Busutil, il-persuna li kienet il-mohh wara s-serqa. Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li skond il-ligi, il-komplici jehel l-istess piena stabbilita ghall-awtur.[38] Fit-tieni lok, is-sentenza ta' Busuttil ma gietx esebita in atti, u ghalhekk ma jirrizultax jekk Busuttil giex mixli b'reati ohrajn apparti din is-serqa bhal fil-kaz ta' l-imputat odjern. Fit-tielet lok, il-Qorti tosserva li jirrizulta ampjament mill-provi li Busuttil ammetta ghall-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat dak in-nhar stess li huwa tressaq il-Qorti b'arrest, u ghalhekk huwa ibbenifika mill-fatt li irregistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proceduri, stante li ma heliex il-hin u r-rizorsi tal-Qorti u tal-forzi tal-ordni. Fil-kaz odjern l-imputat ma irregistra l-ebda ammissjoni, ahseb u wara kemm irregistra ammissjoni bikrija, u ghalhekk certament ma jistghax iqabbel il-pozizzjoni tieghu ma' dik ta' Busuttil.

38. Ir-reati li ghalihom instab hati l-imputat igorru piena massima ta' ghoxrin (20) sena prigunerija u piena minima ta' sentejn (2) prigunerija, wara li jsiru l-assorbimenti tal-pieni skond il-ligi, apparti l-konfiska in toto jew in parte tal-garanzija imposta fl-erba' digrieti tal-helsien mill-arrest. Fit-trattazzjoni orali, l-Ufficjal Prosekutur issottometta li l-piena idonea fil-kaz odjern hija ta' tlett (3) snin prigunerija, stante li l-imputat ghandu problema akuta ta' abbuz ta' droga, li skond hu gabet maghha problemi ta' uzura. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Min isofri mill-problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu u mhux jikkommetti reati ohra biex jiffinanzja l-vizzju tieghu. Il-vizzju ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor biex jissodisfa l-htigijiet tieghu. Apparti li sofra t-telf ta' €9000, u ma hemmx probabbilita realistikament li dawn jigu rifuzi, mix-xhieda ta' Pierre Sladden jirrizulta ampjament kemm hu kien ixxukjat u skonvolt bil-fatt li xi hadd kien dahallu fir-residenza tieghu. Fil-fatt huwa xehed li wara din is-serqa ma jhossux iktar komdu ihalli d-dar wehidha.[39] Dawn it-tip ta' reati ma jikkagunawx biss dannu finanzjarju lill-vittmi izda wkoll dannu psikologiku, li xi kultant ikun aghar. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-opinjoni li fil-waqt li l-piena karcerarja fil-kaz

[38] Artikolu 43 tal-Kodici Kriminali.
[39] Ara fol. 49.

odjern m'ghandhix tkun lejn il-massimu, min-naha l-ohra m'ghandhix tkun daqshekk vicin il-minimu.

39. Fl-ahharnett il-Qorti tosserva illi ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, u cioe meta persuna tkun imressqa taht arrest u mixlija bil-ksur ta' xi kundizzjoni imposta mal-ghoti tal-ħelsien mill-arrest, il-Qorti *"ghandha"* tordna li l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija *"ghandu"* jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta, skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat. La darba il-leġiżlatur uża l-kliem *"ghandha"* u *"ghandu"* l-konfiska taht dan is-subartikolu hija tassattiva. Dak li thalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti huwa jekk ghandux jiġi konfiskat l-ammont tal-garanzija kollu jew parti minnu, u dan skond il-gravita tar-reat.

**Konkluzjoni**

40. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Issib lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) u l-hames (5) imputazzjoni dedotti kontra tieghu, u ghalhekk qed tilliberah minnhom.

2. Wara li rat l-Artikoli 42, 261(b)(c)(e), 263(a), 266, 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 579(2) u (3), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-24 ta' Mejju 2024, issib lill-imputat hati tar-reati fihom kontemplati, u konsegwentement hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu fic-citazzjoni.

3. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-hati ghal piena karcerarja ta' erba (4) snin li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

4. Inoltre il-Qorti qed tirrevoka id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tal-15 ta' Mejju 2020 moghti mill-Qorti Kriminali, preseduta mill-Imhallef Dr Aaron Bugeja, tordna l-arrest mill-gdid tal-hati, u tordna tordna l-konfiska favur il-Gvern

ta' Malta tal-ammont ta' elfejn Euro (€2000) formanti parti mid-depositu impost f'dan id-digriet.

5. Il-Qorti qed tirrevoka wkoll id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tat-8 ta' Lulju 2020 moghti minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Rachel Montebello, tordna l-arrest mill-gdid tal-hati, u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elf Euro (€1000) rapprezentanti d-depositu impost f'dan id-digriet.

6. Il-Qorti qed tirrevoka wkoll id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tas-6 ta' Lulju 2021 moghti minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, tordna l-arrest mill-gdid tal-hati, u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elfejn Euro (€2000) formanti parti mid-depositu impost f'dan id-digriet.

7. Il-Qorti qed tirrevoka wkoll id-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest tal-1 ta' Awwissu 2022 moghti mill-Qorti Kriminali, preseduta mill-Imhallef Edwina Grima, tordna l-arrest mill-gdid tal-hati, u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' elfejn Euro (€2000) formanti parti mid-depositu impost f'dan id-digriet.

8. In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas nofs l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

9. Ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati biex ihallas lil Pierre Sladden l-ammont ta' erbat elef u hames mitt (€4,500.00) rapprezentanti nofs l-ammont tal-flus kontanti misruqa lilu.

Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

41. Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lil Qrati li quddiemhom jinsabu pendenti l-proceduri kriminali kontra l-imputat fuq imsemmija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**